# UFFIĊĊJU KOMUNIKAZZJONI

**Il-Kurja ta' l-Arċisqof, Floriana**

Tel: 25906203/21241281 Fax: 21242971 Email: info@maltadiocese.org


*12 ta' Settembru, 2009*

93/2009

## POSSIBILITA' LI L-PAPA BENEDITTU XVI IŻUR MALTA F'APRIL

Wara l-istedina mill-Isqfijiet ta' Malta u l-President tar-Repubblika lill-Qdusija tiegħu l-Papa Benedittu Sittax biex iżur Malta, Dr Alberto Gasbarri se jiġi Malta f'Ottubru biex jesplora din il-possibilita'. Dr Gasbarri, li huwa responsabbli miż-żjarat tal-Papa, se jikkunsidra li din iż-żjara ssir f'April tal-2010, fl-okkażjoni tal-1950 anniversarju tan-nawfragju ta' San Pawl.

L-isqfijiet Maltin jixtiequ jħeġġu lill-Insara Maltin u Għawdxin biex jitolbu ħalli l-gżejjer Maltin ikollhom il-grazzja tal-vista pastorali tal-Qdusija Tiegħu l-Papa Benedittu XVI.